MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 583/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Victor Refalo**

**Victor Refalo ta' 42 sena, bin Emanuel u Catherine nee Borg imwieled Zebbug nhar l-4 ta' Settembru, 1964 u joqghod 111, Triq Hal-Qormi, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita`` : 520664(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra Victor Refalo u cioe`:

a) Talli nhar it-22 ta' April, 2007, ghall-habta tad-9.30am fi Triq il-Parrocca Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Grace Refalo f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha,

skond kif iccertifika Dr. Saviour Cilia MD (skond l-Art 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, hebb ghal persuna ta' Grace Refalo sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna (skond l-Art 339d tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) Aktar talli volontarjament kiser l-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied (skond l-Art.339dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d) Aktar talli sara recidiv sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

e) Aktar talli ghamel reat waqt li kien qieghed taht kundizzjoni moghtija mill-Qorti, liema sentenza giet moghtija mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar it-30 ta' Jannar, 2007.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dana hu incident bejn konjugi li bhalissa ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni.

Il-provi migjuba madanakollu huma cari hafna, tenut kont tal-fatt ukoll illi l-vittma cioe` Grace Refalo ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' zewgha u ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni hija irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali.

Inoltre mix-xhied ta' l-Ufficjal Prosekutur u mid-dokument VR1 jirrizulta illi l-griehi sofferti mill-parte leza ma humiex ta' natura gravi u llum il-gurnata fiequ ghal kollox.

Ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni lanqas dina ma tirrizulta peress illi ma jidhirx mix-xhieda ta' l-ufficjal tal-

pulizija PS358 Malcolm Bondin illi l-imputat b’xi mod kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ xi ghajjat u jidher ghalhekk li kienet propju Grace Refalo illi hebbet ghall-imputat gewwa l-ghassa tal-pulizija u mhux vice versa. Illi ghar-rigward ta’ l-ahhar zewg imputazzjonijiet, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat mill-istess peress illi dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati u dan ukoll fid-dawl ta’ dak li intqal aktar il-fuq.

Ghaldaqstant il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 214, 216, 339d u 339dd tal-Kodici Kriminali qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------